

**Brussell, 22 ta' Novembru 2019  
(OR. en)**

**14254/19**

**SOC 752  
GENDER 53  
EMPL 570  
ANTIDISCRIM 46**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem - abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Il-Presidenza ħejjiet l-abbozz mehmuż ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li jiffavorixxu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem.

Il-Konklużjonijiet tħejjew abbażi tal-eżitu tad-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-12 ta' Novembru u tal-konsultazzjoni informali bil-miktub li saret bejn it-13 u d-19 ta' Novembru 2019.

Il-Kumitat huwa mistieden jgħaddi l-abbozz mehmuż ta' Konklużjonijiet lill-Kunsill EPSCO fl-10 ta' Diċembru 2019 għall-adozzjoni.

**EKONOMIJI LI JIFFAVORIXXU L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI FL-UE: IT-TRIQ 'IL  
QUDDIEM**

**NIEĦDU KONT TA' 25 SENA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJATTAFORMA TA'  
AZZJONI TA' BEIJING**

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvernijiet  
tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-  
Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE**

1. **WAQT LI JAGĦRAF** li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-prinċipji komuni u fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jissema b'mod espliċitu fl-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
2. **WAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID** l-importanza li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u l-promozzjoni u l-protezzjoni sħaħ tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u r-rispett u t-tgawdija sħiħa tagħhom min-nisa u l-bniet kollha, billi dawn huma elementi universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati u huma essenzjali għall-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet u biex isir progress fil-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp. Ir-realizzazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-implimentazzjoni vigoruża tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA) fil-politiki interni u esterni tal-UE huma parti integrali minn dan il-proċess u approċċ.
3. **WAQT LI JFAKKAR LI** l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, li tinkludi trattament u opportunitajiet indaqs u pagi ndaqs għal xogħol tal-istess valur, u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma rikonoxxuti fil-Prinċipji 2 u 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.

4. **WAQT LI JENFASIZZA** li l-ugwaljanza bejn is-sessi tiffirma parti integrali mill-ekonomija tal-benessri, li tissottolinja n-natura tal-benessri u t-tkabbir ekonomiku li jsaħħu lil xulxin reċiprokament, u li l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni, il-protezzjoni u l-kisba tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet huma prekundizzjonijiet għal żvilupp sostenibbli ekwu u inklużiv, kif ukoll valuri u objettivi importanti fihom infushom.
5. **WAQT LI JISĦAQ** fuq l-importanza li jitkompla b'approċċ doppju għall-ugwaljanza bejn is-sessi, stabbilit bħala strateġija globali ewlenija għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing, li tgħaqqad l-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u l-attivitajiet kollha tal-UE (integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza) b'miżuri speċifiċi.
6. **WAQT LI JINFASIZZA** li l-politiki ekonomiċi u fiskali jistgħu jaffettwaw lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti u li huwa importanti li dawn jiġu vvalutati b'mod sistematiku mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-impatt previst fuq in-nisa u fuq l-irġiel, fuq il-bniet u fuq is-subien.
7. **WAQT LI JQIS** li s-sena 2020 tikkommemora mument importanti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa peress li l-komunità internazzjonali ser tiċċelebra l-25 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-20 anniversarju tar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Diversi oqfsa strateġiċi b'rilevanza għall-ugwaljanza bejn is-sessi ser jaslu fi tmiem il-perijodu ta' validità tagħhom, inkluż il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011–2020), l-"Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016–2019" tal-Kummissjoni u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II, "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiżni tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nibdlu l-Ħajja tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020".

8. **WAQT LI JFAKKAR** li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija ċentrali għall-kisba tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, u li l-UE hija impenjata favur l-implimentazzjoni, is-segwitu u r-rieżami tal-Aġenda 2030 li jwasslu għal bidla favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm fl-azzjoni interna kif ukoll f'dik esterna tagħha, u **WAQT LI JIEĦU NOTA** tad-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030" u l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030" dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fl-UE. Il-politiki ambjentali u klimatiċi li huma sensittivi għall-kwistjonijiet marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni indaqs tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet jippromwovu kemm l-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll l-effikaċja tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
9. **WAQT LI JIEĦU NOTA** tar-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) "Beijing +25: The 5th Review of the Implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States" (Beijing +25: Il-Fames Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE) li jippreżenta x-xejriet ewlenin, il-progress attwali u l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE.
10. **WAQT LI JAGĦRAF** li sar progress f'ċerti oqsma, bħall-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, is-sehem akbar tan-nisa fuq il-bordijiet ta' kumpaniji kbar, it-tnaqqis fl-għadd ta' nisa u rġiel fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u t-titjib fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni esterna tal-UE. Dan jirrifletti l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha lejn l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.
11. **WAQT LI JENFASIZZA** li filwaqt li fadal sfidi mill-passat, qed ifiġġu oħrajn ġodda. L-oġettivi stabbiliti għall-ugwaljanza bejn is-sessi ma ntlaħqux kompletament. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, huma meħtieġa sforzi kontinwi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri biex jiġu żgurati politiki effettivi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tan-nisa.

- (a) Fl-UE jippersistu distakki sostanzjali fil-pagi u fil-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel u għalhekk in-nisa għadhom qed jiffaċċjaw inqas indipendenza ekonomika mill-irġiel.<sup>1</sup> Għad hemm distakk kbir bejn is-sessi fir-rata ta' impjieg fl-UE.<sup>2</sup> Għal dawk in-nisa li qed jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, hemm ċans akbar li l-impjegi jkunu prekarji u ma jgawdux minn garanzija ta' impjieg permanenti, u f'ħafna każijiet, dawn jaħdmu part-time mhux b'għażla tagħhom. Madankollu, ix-xogħol part-time jista' jkun ukoll għażla għan-nisa u l-irġiel biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, u biex jżidu l-benesseri tagħhom.
- (b) Huwa sistematikament aktar probabbli li n-nisa jkunu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali mill-irġiel, b'impatti negattivi fuq il-benesseri tagħhom, b'mod partikolari meta jieħdu ħsieb it-tfal mingħajr ma jkollhom sieħeb jew meta jixjieħu. Huwa wkoll aktar probabbli li n-nisa jkunu aktar affettwati mill-impatt tat-tibdil fil-klima mill-irġiel u jkunu aktar vulnerabbli għall-faqar enerġetiku. Il-konsolidazzjoni fiskali u r-riformi li għaddejjin tas-settur pubbliku affettwaw b'mod sproporzjonat is-setturi ekonomiċi ddominati min-nisa.
- (c) Ħafna mill-inugwaljanzi ekonomiċi bejn in-nisa u l-irġiel jirriżultaw mid-distribuzzjoni inugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura u tal-kompiti domestiċi. Ir-responsabbiltajiet ta' kura qegħdin iżommu 7.7 miljun mara barra mis-suq tax-xogħol fl-UE u l-maġġoranza tal-leave relatat mal-familja għadu qed jittieħed min-nisa. Id-distakki fil-forniment, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi formali tal-edukazzjoni bikrija u tal-kura tat-tfal u tas-servizzi tal-kura fit-tul ixekklu serjament il-kapaċità tan-nisa li jieħdu sehem b'mod sħiħ u ekwu fil-ħajja tax-xogħol. Il-kontribut tax-xogħol ta' kura mingħajr ħlas, imwettaq prinċipalment min-nisa, għat-tkabbir ekonomiku jibqa' ġeneralment inviżibbli.

---

<sup>1</sup> Fl-2017 kien hemm distakk ta' 16.0 % fil-pagi bejn is-sessi u distakk ta' 34.8 % fil-pensjonijiet (pensjonanti ta' 65+).

<sup>2</sup> Id-distakk fl-impjegi bejn is-sessi kien ta' 11.5 punt perċentwali fl-2017.

- (d) Il-vjolenza sessista għadha realtà kiefra għal miljuni ta' nisa u bniet li jgħixu fl-UE.<sup>3</sup> Il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet hija manifestazzjoni serja tal-inugwaljanza bejn is-sessi u ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'sofferenza umana li ma tistax titkejjel. Din tirrappreżenta wkoll spiża sinifikanti għall-ekonomija u s-soċjetà.
- (e) In-nisa għadhom sottorappreżentati fl-oqsma kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet osservati skont il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, inkluż l-oqsma tal-politika u n-negozju. Filwaqt li s-sehem tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet żdied mill-2013, speċjalment fejn ittiegħdet azzjoni legiſlattiva, il-progress ġenerali mexa bil-mod.
- (f) F'dawn l-aħħar snin feġġew sfidi ġodda. Minkejja l-potenzjal pożittiv tagħhom fil-ħajja tax-xogħol, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni jistgħu jikkompromettu ulterjorment il-pożizzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi għadhom relattivament ftit in-nisa fil-qasam tal-edukazzjoni fl-ICT u fil-professjonijiet tal-ICT, jew minħabba l-preġudizzji bbażati fuq il-ġeneru li huma konxjament jew inkonxjament inkorporati fl-algoritmi u fl-intelliġenza artiċijali, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' distakk diġitali bejn is-sessi. Barra minn hekk, in-nisa u l-bniet jesperjenzaw b'mod sproporzjonat il-vjolenza ċibernetika, inkluż il-fastidju online, il-bullying ċibernetiku u d-diskors ta' mibegħda sessista.
- (g) L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'oqsma differenti tal-politika tal-UE, inkluż l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew, hija frammentata u jonqosha kontinwità u approċċ sistematiku. L-għodod ta' integrazzjoni, bħall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi jew l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, jintużaw biss rarament fl-UE u fl-Istati Membri tagħha u hemm nuqqasijiet fil-ġbir, l-analiżi u l-użu ta' politika ta' data diżaggregata skont is-sess.

---

<sup>3</sup> Fl-UE, mara minn kull tlieta (33 %) esperjenzat vjolenza fiżika u/jew sesswali mill-età ta' 15-il sena. Mara minn kull ħamsa (22 %) esperjenzat dawn il-forom ta' vjolenza mis-sieħeb intimu tagħha. Mara minn kull 20 (5 %) ġiet stuprata, jew minn sieħeb jew inkella minn xi ħadd ieħor. Mara minn kull ħamsa (18 %) esperjenzat stalking. Mara minn kull tnejn (45 % sa 55 %) esperjenzat fastidju sesswali.

12. **WAQT LI JISĦAQ** fuq ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet tan-nisa u d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, fil-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-importanza ta' kooperazzjoni kontinwa mas-soċjetà ċivili sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.
13. **WAQT LI JIEĦU NOTA** tal-eżitu tal-Konferenza ta' Livell Għoli “Europe for Gender Equality? Taking Stock – Taking Action (Ewropa għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi? Nieħdu kont - Nieħdu azzjoni) li saret f'Helsinki fit-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2019, fejn il-parteċipanti saħqu fuq il-ħtieġa li jiġi affermat mill-ġdid l-impenn politiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE u t-tiżiħ tal-implimentazzjoni effettiva tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż fil-politiki ekonomiċi u baġitarji.
14. **WAQT LI JILQA'** l-erba' indikaturi l-ġodda<sup>4</sup> proposti mill-EIGE fir-rapport tal-2018 tagħha dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE bit-titlu "L-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażaġh: l-opportunitajiet u r-riskji tad-diġitalizzazzjoni"<sup>5</sup>, li ffoka fuq *il-ħiliet diġitali, il-fiduċja li persuna għandha fiha nfisha fl-użu tat-teknoloġiji diġitali, l-użu tal-internet għall-parteċipazzjoni ċivika u politika u l-bullying ċibernetiku*.

---

<sup>4</sup> Indikaturi ġodda għall-monitoraġġ tal-qasam kritiku ta' tħassib L: "It-tfal bniet". Lista sħiħa ta' indikaturi għall-monitoraġġ ta' qasam kritiku ta' tħassib L: "It-tfal bniet" tidher fl-Anness I. Għal aktar dettalji, ara d-dokument 14348/18 ADD 2.

<sup>5</sup> Dokument 14348/18 ADD 2. Sommarju eżekuttiv jidher fid-dokument 14580/18 ADD 1.

## IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

### **JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, skont l-kompetenzi tagħhom u b'kont meħud ta' ċirkustanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, BIEX:**

15. Isaħħu l-effikaċja tal-istrutturi governattivi għall-ugwaljanza bejn is-sessi billi jqegħduhom fl-ogħla livell possibbli fil-gvern u billi jagħtuhom mandati b'saħħithom u definiti b'mod ċar u l-persunal u r-riżorsi finanzjarji adatti, u billi jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji nazzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll finanzjament suffiċjenti għal dan, inkluż kemm l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha ta' politika kif ukoll miżuri speċifiċi. Irawmu l-funzjonament effettiv tal-koordinazzjoni transsettorjali għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi sabiex jissaħħu n-netwerking u l-kooperazzjoni.
16. Isaħħu l-impenn politiku għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u r-responsabbiltà u l-kapaċitajiet għal dan, u jikkunsidraw l-iżvilupp ta' valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi u/jew l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, inkluż fil-politiki ekonomiċi, tal-edukazzjoni, tal-impjiegi, il-politiki reġjonali, soċjali, tal-infrastruttura, dawk ambjentali, tal-klima u tal-innovazzjoni, sabiex jidentifikaw b'mod aktar effiċjenti d-distakki persistenti bejn is-sessi, jindirizzaw l-isfidi eżistenti u jsaħħu t-tfassil ta' politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-għarfien.
17. Jieħdu miżuri biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra s-sessiżmu u l-manifestazzjonijiet tiegħu fl-isfera pubblika u dik privata, u jħeġġu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jimplimentaw leġislazzjoni, politiki u programmi xierqa fis-setturi kollha.



18. Jintensifikaw l-isforzi biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet billi jieħdu approċċ aktar olistiku għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni, inkluż programmi ta' trattament immirati lejn l-awturi ta' kull forma ta' vjolenza, u l-protezzjoni tal-vittmi kollha, u jkomplu jaħdmu fuq il-prevenzjoni u jiġġieldu kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika permezz tal-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali rilevanti f'dan il-qasam, inkluż, fejn xieraq, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

**JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, BIEK:**

19. Isaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet kollha tal-bniedem min-nisa u l-bniet bħala prijorità politika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u fi h'dan kemm politiki interni kif ukoll daww esterni, inkluż billi jiġi promoss b'mod attiv id-djalogu politiku ta' livell għoli dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-UE, u fl-ogħla livell politiku.
20. Isaħħu r-rabta bejn il-politiki tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali tal-UE, speċjalment il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, u jiżviluppaw sinerġiji bejn is-segwitu tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Aġenda 2030.
21. Itejbu l-politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż billi jsaħħu l-approċċ doppju għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll l-istrutturi u l-proċessi meħtieġa, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġi aċċellerat il-progress lejn il-kisba tal-oġettivi stabbiliti fil-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.
22. Isaħħu l-impenn għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, b'mod partikolari fl-oqsma identifikati fir-rieżami Beijing +25.

- (a) L-implimentazzjoni ta' miżuri konkreti u effettivi biex id-differenzi fl-impjegi u fil-pagi tal-irġiel u n-nisa jitneħħew lil hinn mill-Pjan ta' Azzjoni attwali tal-UE dwar l-Indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u jiġu indirizzati u mmonitorjati l-impatt tagħhom fuq id-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet u jiġi żgurati trattamenti ugwali fl-aċċess għal benefiċċji oħra.
- (b) It-tiżni tal-isforzi biex titrawwem il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, inkluż l-iżvilupp ta' kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u tittejjeg l-intraprenditorija tan-nisa sabiex ikunu promossi l-indipendenza ekonomika tan-nisa u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv. L-iżgurar ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għan-nisa u l-irġiel permezz tal-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw u l-oġettivi ta' Barcellona dwar il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Ukoll permezz tal-promozzjoni tal-kondiviżjoni ekwa tar-responsabbiltajiet bejn in-nisa u l-irġiel f'dak li jikkonċerna l-kura mhux imħallsa u x-xogħol domestiku. Enfasi fuq il-kontribut tax-xogħol mhux imħallas tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku u s-soċjetà.
- (c) Analiżi tal-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħajja tax-xogħol u kunsiderazzjoni ta' dan fit-tfassil tal-politiki tal-futur. Titjib tal-isforzi biex jiġi ffaċilitat it-tagħlim tul il-ħajja u l-kisba ta' ħiliet u kompetenzi sabiex jintlaqgħu l-isfidi u jinħatfu l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni u l-forom ġodda ta' xogħol. Titkompla l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi biex jindirizzaw is-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, il-promozzjoni ta' aċċess ugwali għall-oqsma edukattivi kollha u b'mod partikolari jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-nisa u l-bniet għax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerinija u l-matematika (STEM) u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) kif ukoll l-aċċess tal-irġiel u tas-subien fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri (EHW).

- (d) L-affermazzjoni mill-ġdid tal-impenn għall-eliminazzjoni tal-vjolenza sessista, inkluż il-vjolenza ċibernetika, bħala prijorità tal-Unjoni Ewropea u l-importanza tal-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi mill-Istati Membri kif meħtieġ mil-liġi tal-UE. Jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol. L-inkoraġġiment tal-irġiel u tas-subien biex jinvolvu ruħhom bis-sħiħ, bħala aġenti u benefiċjarji tal-bidla, bil-għan li jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dak privata, billi jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-inugwaljanza bejn is-sessi, bħal relazzjonijiet ta' setgħa mhux ugwali, sterjotipi tas-sessi u normi soċjali negattivi. Sabiex tintemm il-vjolenza tal-irġiel fuq in-nisa, jeħtieġ li l-irġiel u s-subien jiġu involuti u jipparteċipaw fil-proċess biex tintemm il-vjolenza.
- (e) Tkomplija tal-introduzzjoni u tal-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati, inkluż, fejn xieraq, miri u skedi ta' żmien legiſlattivi u/jew mhux legiſlattivi biex jittejjeb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi, inkluż fl-istituzzjonijiet tal-UE.
- (f) L-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva u sistematika u l-kontinwità tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha ta' politika billi jissaħħu l-għodod prattiċi tal-integrazzjoni, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' miri u indikaturi speċifiċi għall-ġeneru, valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi ta' miżuri legiſlattivi u ta' politika, u l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, kif ukoll permezz ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transettorjali u ta' responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.
- (g) Attenzjoni speċjali aktar qawwija fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi f'fażijiet differenti tal-proċess tas-Semestru Ewropew, inkluż permezz ta' ħidma fuq indikaturi ta' ugwaljanza bejn is-sessi li diġà jeżistu u, fejn xieraq, bl-iżvilupp ta' oħrajn ġodda, billi jkomplu jiġu żviluppati l-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sessi u l-metodi statistiċi u l-analiżi għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

23. Tisħiħ tal-attivitajiet tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza kif ukoll dawk tan-Netzwerk Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) u appoġġ kontinwu għal dawn l-attivitajiet, filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza.
24. Tisħiħ tal-kooperazzjoni kontinwa u s-sħubiji strateġiċi mas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u l-akkademja għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-iżvilupp ta' politiki favur l-ugwaljanza bejn is-sessi.
25. Segwitu regolari għall-indikaturi kollha tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, inkluż l-indikaturi riveduti stabbiliti fl-Anness I, għall-monitoraġġ sistematiku tal-progress, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-għarfien espert u r-risultati tal-EIGE u l-Eurostat. Tisħiħ tal-użu effettiv tal-indikaturi ta' Beijing fil-politiki nazzjonali u tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u fl-oqsma ta' politika l-oħra kollha rilevanti, u sforz biex l-istatistika rilevanti kollha tkun disponibbli b'mod ġenerali.
26. Appoġġ għall-produzzjoni u l-analiżi ta' data solida u komparabbli diżaggregata skont is-sess, inkluż permezz tal-ħidma tal-EIGE u l-Eurostat, kif ukoll l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-istatistika, sabiex jissaħħaħ it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-għarfien.
27. Titkompla l-adozzjoni kull sena ta' rapport tal-Kummissjoni biex isir monitoraġġ tal-progress fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u jitħeġġu l-Prezidenzi futuri tal-Kunsill biex jgħadduh lill-Kunsill Ewropew. L-użu ta' dan ir-rapport biex tiżdied l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, fil-kuntest tal-oqfsa ta' politika rilevanti kollha għal wara l-2020 fl-UE, inkluż is-Semestru Ewropew, kif ukoll fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-UE.

## **JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:**

28. B'mod espliċitu tistabbilixxi l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prijorità politika fil-mandat attwali tagħha (2019–2024) u tadotta Komunikazzjoni li tistabbilixxi strateġija awtonoma ta' livell għoli tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi għall-perijodu ta' wara l-2019, li tinkludi kemm miżuri speċifiċi kif ukoll l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u l-attivitajiet tal-UE.
29. Tintegra b'mod sistematiku l-perspettiva tal-ġeneri fl-istrateġiji u l-politiki futuri kollha tal-UE, inkluż billi tiżviluppa l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri leġislattivi u ta' politika tal-UE bħala għodod ewlenin għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.
30. Tiegħu passi konkreti biex tintegra perspettiva tal-ġeneri fil-politiki ekonomiċi tal-UE, f'konformità mal-impenji politiċi li saru fil-qafas tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, u speċjalment fl-istrateġiji u l-proċeduri li ser jieħdu post l-Istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew, inkluż billi tiżgura implimentazzjoni u monitoraġġ effikaċi tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi.
31. Taħdem għall-ugwaljanza bejn is-sessi, b'livell għoli ta' ambizzjoni, bħala prijorità politika fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE u tiffoka l-isforzi tagħha lejn Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-2020.

**Ġabra tal-indikaturi kollha għall-qasam kritiku ta' tħassib L: "It-tfal bniet"<sup>6</sup>**

**Indikatur 1:** L-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet: parametri għall-edukazzjoni skolastika (primarja u sekondarja) relatata mas-sesswalità<sup>7</sup>.

**Indikatur 2:** Il-perċezzjoni tal-ġisem tal-persuna stess: Nuqqas ta' sodisfazzjon tal-bniet u s-subien bil-ġisem tagħhom<sup>8</sup>.

**Indikatur 3:** Bniet u subien ta' 15-il sena: prestazzjoni fil-matematika u x-xjenza<sup>9</sup>.

**Indikatur 4:** Proporzjon tal-bniet u s-subien kollha ta' 15-il sena u dawk bl-ogħla prestazzjoni fix-xjenza li mistennija jaħdmu f'impjiegi relatati max-xjenza fl-età ta' 30 sena.<sup>10</sup>

**Indikatur 5 ĠDID: Sehem ta' żgħażagħ nisa u rġiel (ta' bejn 16 u 19-il sena) b'ħiliet diġitali ogħla mil-livell bażiku**

Dan l-indikatur jikkonsisti minn erba' sottoindikaturi, li jkejlu l-ħiliet diġitali f'erba' oqsma speċifiċi:

- (a) ħiliet fl-informazzjoni;
- (b) ħiliet fil-komunikazzjoni;
- (c) ħiliet fis-soluzzjoni ta' problemi;
- (d) ħiliet fl-użu ta' software.

**Indikatur 6 ĠDID: Sehem ta' bniet u subien (ta' bejn 15 u 16-il sena) li jħossuhom kunfidenti jwettqu ċerti kompiti bl-użu tat-teknoloġiji diġitali**

Dan l-indikatur jikkonsisti minn tliet sottoindikaturi:

- (a) is-sehem ta' bniet u subien li jħossuhom komdi jużaw tagħmir diġitali li huma anqas familjari miegħu;
- (b) is-sehem ta' bniet u subien li jħossu li waħedhom jistgħu jibdeu isolvu problema b'taġħmir diġitali;
- (c) is-sehem ta' bniet u subien li jħossu li waħedhom jistgħu jinstallaw software ġdid li jkollhom bżonn.

---

<sup>6</sup> Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-EIGE fid-dokument 14348/18 ADD 2 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>7</sup> Indikatur eżistenti. Ara d-dokument 9669/08.

<sup>8</sup> Indikatur eżistenti. Ara d-dokument 9669/08.

<sup>9</sup> Indikatur eżistenti. Ara d-dokument 15468/17.

<sup>10</sup> Indikatur eżistenti. Ara d-dokument 15468/17.

**Indikatur 7 ĠDID: Sehem ta' żgħażaġh nisa u rġiel (ta' bejn 16 u 19-il sena) li jużaw l-internet għall-parteeċipazzjoni ċivika jew politika.**

**Indikatur 8 ĠDID: Sehem ta' bniet u subien (ta' 15-il sena) li tal-anqas darba kienu vittma ta' bullying ċibernetiku permezz ta' messaġġi jew stampi.**

Dan l-indikatur jikkonsisti minn żewġ sottoindikaturi:

- (a) is-sehem ta' bniet u subien (ta' 15-il sena) li tal-anqas darba esperjenzaw bullying ċibernetiku b'messaġġi (jiġifieri li rċevew messaġġi istantanji, posts fuq il-paġna tagħhom, posta elettronika jew SMS li jwegġġghu);
- (b) is-sehem ta' bniet u subien (ta' 15-il sena) li tal-anqas darba esperjenzaw bullying ċibernetiku bi stampi (jiġifieri li fuq l-internet ittellġhu stampi bla permess li ma jagħmlux gieh lil persuna jew li mhumiex xierqa).

---

**Referenzi****1. UE interistituzzjonali**

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,  
[https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf).

**2. Il-Kunsill**

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill kollha adottati dwar ir-rieżami tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing<sup>11</sup> u konklużjonijiet tal-Kunsill oħra dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020) (ĠU C 155, 25.5.2011, p. 10);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2016 dwar "Rispons għall-Impenn strateġiku tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi" (dokument 10416/16);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016 dwar in-Nisa u l-Faqar (dokument 15409/16);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2017 "Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE" (dok 6889/17);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2017 dwar Miżuri msaħħa biex tonqos is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjiegi (dokument 15468/17).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2019 "Innaqqsu d-Differenza fil-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin" (dokument 10349/19);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019 "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030" (dokument 8286/19).

---

<sup>11</sup> [http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/tools/statistics-indicators/platform-action/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/tools/statistics-indicators/platform-action/index_en.htm)



### 3. It-Triju ta' Presidenzi

- Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel iffirmata mir-Rumanija, il-Finlandja u l-Kroazja (15 ta' Marzu 2019).
- Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Ugwaljanza bejn is-sessi bħala prijorità tal-Unjoni Ewropea llum u fil-ġejjieni. Proposta mit-Triju ta' Presidenzi Awstrijaka, Estonjana u dik Bulgara fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-UE, 12 ta' Ottubru 2018, Vjenna.

### 4. Il-Kummissjoni Ewropea

- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" (SWD(2015) 278 final).
- Rapport tal-2019 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea, [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/aid\\_development\\_cooperation\\_fundamental\\_rights/annual\\_report\\_ge\\_2019\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/aid_development_cooperation_fundamental_rights/annual_report_ge_2019_en.pdf).
- Dokument ta' Riflessjoni: Towards a Sustainable Europe by 2030 (Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030), [https://ec.europa.eu/commission/files/reflection-paper-towards-sustainable-europe\\_en](https://ec.europa.eu/commission/files/reflection-paper-towards-sustainable-europe_en).
- Rakkomandazzjoni tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar istandards għall-korpi tal-ugwaljanza (C (2018) 3850 final).
- Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa (2017–2019)

### 5. EIGE

- Rapport tal-EIGE, "Beijing +25 – The 5th Review of the Implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States" (Beijing +25 – Il-Hames Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE) (12595/19 ADD 2).
- Ir-rapport tal-EIGE "L-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażaġh: l-opportunitajiet u r-riskji tad-diġitalizzazzjoni" (14348/18 ADD 2).

## 6. Oħrajn

- Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), <https://www.ohchr.org/Documents/ProfessionalInterest/cedaw.pdf>
- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, <https://www.coe.int/fr/web/conventions/full-list/-/conventions/rms/090000168008371d>
- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, <https://www.coe.int/fr/web/conventions/full-list/-/conventions/rms/090000168008482e>
- Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2019)1 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-sessiżmu
- Id-Dikjarazzjoni dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa, <http://www.un-documents.net/a48r104.htm>
- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Il-vjolenza kontra n-nisa: sħarriġ fl-UE kollha, 2014.
- Konklużjonijiet tal-Presidenza tas-6 ta' Diċembru 2018 L-Ugwaljanza bejn is-Sessi, iż-Żgħażaġħ u d-Diġitalizzazzjoni (dokument 15308/18)
- Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel: Opinjonijiet dwar il-politika ta' ugwaljanza bejn is-sessi futura wara l-2019 - Sfidi u prijoritajiet qodma u ġodda
- Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, [https://www.un.org/en/events/pastevents/pdfs/Beijing\\_Declaration\\_and\\_Platform\\_for\\_Action.pdf](https://www.un.org/en/events/pastevents/pdfs/Beijing_Declaration_and_Platform_for_Action.pdf)
- Dikjarazzjoni ta' Impenn dwar in-Nisa fil-Qasam Diġitali (WID)